

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## C 262

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 57

12 ta' Awwissu 2014

Werrej

#### IV Informazzjoni

##### INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

###### Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 262/01	Rata tal-kambju tal-euro .....	1
2014/C 262/02	Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni .....	2
2014/C 262/03	Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni .....	3
2014/C 262/04	Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni .....	4
2014/C 262/05	Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni .....	5

##### INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2014/C 262/06	Avviż dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9a(7) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jistabbilixxu Blokko tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali) .....	6
2014/C 262/07	Avviż dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9a(7) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jistabbilixxu Blokko tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali) .....	6

MT

2014/C 262/08	Avviż dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9a(7) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jstabbilixxu Blokok tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali) .....	7
---------------	--	---

---

V Avviżi

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 262/09	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7316 — Det Norske Oljeselskap/Marathon Oil Norge) <sup>(1)</sup> .....	8
---------------	---	---

---

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

Il-11 ta' Awwissu 2014

(2014/C 262/01)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3386	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4663
JPY	Yen Ġappuniż	136,72	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,3774
DKK	Krona Daniża	7,4556	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5820
GBP	Lira Sterlina	0,79760	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6731
SEK	Krona Żvediża	9,1941	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 379,21
CHF	Frank Żvizzeru	1,2134	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,3043
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,2387
NOK	Krona Norveġiża	8,2790	HRK	Kuna Kroata	7,6481
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 674,42
CZK	Krona Ċeka	27,852	MYR	Ringgit Malażjan	4,2820
HUF	Forint Ungeriż	313,68	PHP	Peso Filippin	58,816
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	48,2950
PLN	Zloty Pollakk	4,1991	THB	Baht Tajlandiż	42,970
RON	Leu Rumun	4,4385	BRL	Real Brażiljan	3,0476
TRY	Lira Turka	2,8783	MXN	Peso Messikan	17,7083
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4443	INR	Rupi Indjan	81,8355

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2014/C 262/02)



*Wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida taż-EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Belġju*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha, bħala informazzjoni għall-pubbliku u għall-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti <sup>(1)</sup>. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-UE li jstipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jridu jkunu muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fiħ disinn commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita:** Il-Belġju

**L-okkażjoni tal-kommemorazzjoni:** Il-150 anniversarju tas-Salib l-Aħmar tal-Belġju

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Il-parti interna tal-munita turi salib, li fiċ-ċentru tiegħu hemm in-numru "150", L-iskriżżjonijiet "Rode Kruis" u "Croix-Rouge" jinsabu rispettivament vertikalmement u orizzontalmement fuq in-naħa interna tas-salib. Madwar is-salib hemm il-marka taz-zekka ta' Brussell, li hija profil bl-ellmu tal-Arkanġlu Mikiel, il-marka tal-mastru taz-zekka, id-data 2014 u l-iskriżżjoni tan-nazzjonalita "BE".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-ġhadd ta' muniti li għandhom jinħarġu:** 260 000

**Data tal-ħruġ:** Settembru 2014

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

**Wiċċ nazżjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2014/C 262/03)



*Wiċċ nazżjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida taż-EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mir-Repubblika Ellenika*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinj tal-muniti l-ġodda kollha, bħala informazzjoni għall-pubbliku u għall-partijiet kollha li jużaw il-muniti<sup>(1)</sup>. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009<sup>(2)</sup>, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jstipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jridu jkunu muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazżjonali tagħhom ikun fiħ disinn commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazżjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita:** Ir-Repubblika Ellenika

**L-okkażjoni tal-kommemorazzjoni:** Il-150 anniversarju tal-unjoni tal-Gżejjer Joniċi mal-Greċja (1864-2014)

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Il-parti ta' ġewwa tal-munita turi stilla b'seba' ponot bil-kliem imnaqqax bil-Grieg: "150 ΣΕΝΑ ΜΙΛΛ-ΥΝΙΟΝΙ ΤΑΛ-ΓΖΕΙΤΤΕΡ ΙΟΝΙΧΙ (ΕΡΤΑ'ΝΙΣΑ) ΜΑΛ-ΓΡΕΧΙΑ 1864-2014", l-isem tal-pajjiż tal-ħruġ "REPUBBLIKA ELLENIKA" u l-marka taż-zekka taż-Zekka Statali Griega. L-ispazji bejn il-ponot tal-istilla fihom simboli tal-Gżejjer Joniċi. Id-disinn kollu huwa mdawwar b'bordura dekorattiva stilizzata forma ta' mewġ.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-ġhadd ta' muniti li għandhom jinħarġu:** sa 750 000

**Data tal-ħruġ:** Fil-ħarifa tal-2014

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazżjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazżjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

**Wiċċ nazżjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2014/C 262/04)



*Wiċċ nazżjonali tal-munita k commemorattiva l-ġdida taż-EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mir-Repubblika Ellenika*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinj tal-muniti l-ġodda kollha, bħala informazzjoni għall-pubbliku u għall-partijiet kollha li jużaw il-muniti<sup>(1)</sup>. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009<sup>(2)</sup>, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jstipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti k commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jridu jkunu muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazżjonali tagħhom ikun fiħ disinn k commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazżjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita:** Ir-Repubblika Ellenika

**L-okkażjoni tal-kommemorazzjoni:** L-400 anniversarju mill-mewt ta' Doménikos Theotokópoulos (1614-2014)

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Il-parti ta' ġewwa tal-munita fiha ritratt ta' Doménikos Theotokópoulos. Fl-isfond hemm figura tipika mix-xogħol tiegħu, illustrattiva tat-teknika tiegħu. Fuq ix-xellug: is-sena 2014 u l-firma karatteristika tal-artist ("Doménikos Theotokópoulos Epoiei") Fuq il-lemin: il-marka taż-zekka taż-zekka Statali tal-Greċja. Id-disinn huwa mdawwar kollu bi skriżżjoni li taqra bil-Grieg "DOMENIKOS THEOTOKOPOULOS 1541-1614" u l-isem tal-pajjiż li qed joħroġ il-munita "IR-REPUBBLIKA ELLENIKA".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-ġhadd ta' muniti li għandhom jinħarġu:** sa 750 000

**Data tal-ħruġ:** Fil-ħarifa tal-2014

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazżjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazżjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

**Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2014/C 262/05)



*Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida kommemorattiva taż-EUR 2, maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mil-Lussemburgu*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha, bħala informazzjoni għall-pubbliku u għall-partijiet kollha li jużaw il-muniti <sup>(1)</sup>. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jridu jkunu muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita:** Il-Lussemburgu

**Is-Suġġett tal-kommemorazzjoni:** il-50 anniversarju mill-bidu tat-renju tal-Gran Duka Jean

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Il-parti ta' ġewwa tal-munita turi x-xbieha tal-Altezzi Rjali Tagħhom, il-Gran Duka Henri u l-Gran Duka Jean, it-tnejn iħarsu lejn ix-xellug. Fil-parti ta' fuq tidher is-sena "1964" fuq ix-xbieha tal-Gran Duka Jean kif ukoll kuruna. Fil-qiegħ, l-ismijiet "Jean" u "Henri" jidhru taħt ix-xbieha rispettiva kif ukoll is-sena "2014".

L-iskrizzjoni "50e ANNIVERSAIRE DE L'ACCESSION AU TRÔNE DU GRAND-DUC JEAN" tagħlaq f'forma tonda il-parti ta' fuq ta' ġewwa tal-munita.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-ġhadd ta' muniti li għandhom jinħarġu:** 1,4 miljun

**Data tal-ħruġ:** Ottubru 2014

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Avviż dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9a(7) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew***(Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jstabbilixxu Blokko tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali)*

(2014/C 262/06)

Stat(i) Membru(i)	Referenza	Isem il-blokka tal-ispazju tal-ajru funzjonali	Dħul fis-seħħ
Ir-Repubblika tal-Litwanja, Ir-Repubblika tal-Polonja	Ftehim tal-Istat iffirmit fis-17 ta' Lulju 2012	BALTIC FAB	fl-1 ta' April 2014

**Avviż dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9a(7) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew***(Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jstabbilixxu Blokko tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali)*

(2014/C 262/07)

Stat(i) Membru(i)	Referenza	Isem il-blokka tal-ispazju tal-ajru funzjonali	Dħul fis-seħħ
Ir-Repubblika Portugiża, Ir-Renju ta' Spanja	Ftehim tal-Istat iffirmit fis-17 ta' Mejju 2013	SOUTHWEST FAB	fit-18 ta' April 2014



**Avviż dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9a(7) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew**

*(Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jstabilixxu Blokok tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali)*

(2014/C 262/08)

Stat(i) Membru(i)	Referenza	Isem il-blokka tal-ispazju tal-ajru funzjonali	Dħul fis-seħħ
Ir-Repubblika ta' Ċipru, Ir-Repubblika Ellenika, Ir-Repubblika Taljana, Ir-Repubblika ta' Malta	Ftehim tal-Istat iffirmit fit-12 ta' Ottubru 2012	BLUEMED FAB	fit-22 ta' Awwissu 2014

## V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7316 — Det Norske Oljeselskap/Marathon Oil Norge)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 262/09)

1. Fil-5 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Det Norske Oljeselskap ASA ("Det Norske", in-Norveġja), finalment ikkontrollata minn Aker ASA ("Aker", in-Norveġja) takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-impriża Marathon Oil Norge AS kollha kemm hi ("Marathon", in-Norveġja), permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - għal Det Norske: l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ("E&P") taż-żejt u l-gass fil-blata kontinentali Norveġiża. Det Norske hija finalment ikkontrollata minn Aker, li hija attiva, permezz tas-sussidjarji tagħha Aker Solutions ASA, Kvaerner ASA u Align AS, fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' tagħmir speċjalizzat għal kumpaniji E&P fuq livell globali kif ukoll fil-forniment tas-servizzi ta' operazzjoni u manutenzjoni għal kumpaniji E&P b'enfasi fuq il-Baħar tat-Tramuntana,
  - għal Marathon: l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' żejt u gass fil-blata kontinentali Norveġiża.
3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni Ewropea.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea mhux aktar tard minn għaxart ijiem mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301) jew bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7316 — Det Norske Oljeselskap/Marathon Oil Norge, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").



ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT